# GĦALIEX ĦWEJJEĠ ĦŻIENA JIĠRU LIL NIES TAJBA?

Minn
George Ebejer

# GĦALIEX ĦWEJJEĠ ĦŻIENA JIĠRU LIL NIES TAJBA?

***Test:*** *Ġob 13:24—14:2*

Aħna ngħixu f'dinja li hija mimlija bit-tbatija, uġigħ, u niket… Meta tiġi xi traġedja, l-għajta ta' l-agunija tar-ruħ hija "Għaliex…?"

Il-ġenituri ta' tifla brava ħafna ta' tmien snin innutaw darba waħda li hija kienet tidher għajjiena b'mod mhux tas-soltu. Aktar wara huma bdew jindunaw li l-għaksiet tagħha kienu minfuħin għalhekk ħaduha għand it-tabib. Id-dijanjosi kienet:  lewkimja akuta. Tmintax-il xahar wara, it-tifla kienet mejta. U l-ġenituri tagħha għajtu: "Alla, għaliex Int ħadtilna t-tifla tagħna?"

Mara żagħżugħa tad-dar innutat li hija kienet qed tħossha għajjiena malajr. Imbagħad lejl minnhom hija waqgħet fuq it-tarġa tal-bieb tagħha. Il-jum ta' wara hi marret għand it-tabib. Id-dijanjosi: sklerożi multipla. Kien intqal lilha li 'l quddiem hija se ssibha b'mod progressiv aktar iebsa biex timxi, eventwalment hija ssir invalida sakemm tmut. Kif hija semgħet dan bdiet tibki ħafna u għajtet: "Alla, għaliex Int ħallejt dan li jiġi lili? Jiena għandi l-żewġi u tfal għadhom żgħar li għandhm bżonni. Jiena ppruvajt li nkun pesuna tajba. Ma jixraqlix dan."

Ġob kien bla ħtija u raġel ġust, raġel li kien jibża' minn Alla. Hu kien imbierek ħafna minn Alla b'ġid kbir, għaxar ulied, saħħa eċċellenti, u l-imħabba u l-istima tal-ġirien tiegħu. F'daqqa waħda, matul serje nkredibbli ta' ġrajjiet Ġob tilef kollox—il-ġid, tfal,

rispett! L-għajta ta' l-uġigħ tiegħu kienet, "Għaliex?" Għaliex jiena kont imwieled?" (Ġob 3:11-19). "Għaliex Alla ma ħax ħajti meta kollox kien meħud minni …?" (Ġob 3:20-26). "Għaliex Alla dawwar wiċċu minni…?" (Ġob 9:13-24).

Għaliex ħwejjeġ ħżiena **jiġru** lil nies tajba…? Dik hija waħda mill-aktar mistoqsijiet li tħawwad mill-pro-blemi kollha umani. Forsi hija l-aktar mistoqsija iebsa tal-ħajja. Għaliex in-nies għandhom isofru…" Għaliex ikun hemm uġigħ ta' qalb u diżappuntament…? Għa-liex hemm mard u mewt…? Għaliex it-traġedja tinvadi l-ħajja ta' dawk li sinċerament jippruvaw iservu lil Alla…? Kif inhi li Alla li jħobbna daqshekk iħalli jew jippermetti t-tbatija li tiġi fi djarna…? Aħna rridu li mmorru għall-Iskrittura Mqaddsa biex tgħinna nitqab-du mal-mistoqsija ta' Għaliex Ħwejjeġ Ħżiena Jiġru lil Nies Tajba…

## I. Xi Spjegazzjonijiet Difettużi u mhux Kompluti Għall-Preżenza tat-Tbatija

Ħafna tweġibiet kienu ġew mogħtija f'attentat biex jispjegaw il-problema tat-tbatija tal-bniedem: Ħafna minn dawn it-tweġibiet huma żbaljati għalkollox. Il-Ktieb ta' Ġob juri dan ċar ħafna. Il-mara ta' Ġob, il-ħbieb tiegħu, u dawk li kienu jafuh qabdu mal-mistoq-sija ta' għaliex Ġob kien qiegħed isofri. Huma kell-hom kummenti raġonevoli, tweġibiet ħfief; imma hu-ma kienu żbaljati! Ħares lejn it-tweġibiet li huma taw għat-tbatija ta' Ġob.[1]

1. “*Alla Bgħatha.*” Din kienet it-tweġiba li tat il-mara ta’ Ġob. Hija ħasset li Alla kien qiegħed jikkawża l-agunija ta’ Ġob u għalhekk qalet lil Ġob: “*Idgħi lil Alla, u mut*” (Ġob 2:9). Xi nies spiss jaċċettaw l-istess spjega għat-tbatija llum: “Alla ħa lil maħbub jew maħbuba tiegħi!” “Hija r-rieda ta’ Alla” għal xi wħud lit-traġedja tiġri. Traġedji u diżastri naturali huma msejħa “atti ta’ Alla.” Imma huwa assolutament falz li tgħid lit-tbatija kollha hija mibgħuta minn Alla! In-niket ta’ Ġob kien ġej minn Satana u mhux minn Alla! Hu għalkollox mhux tassew li Alla Hu responsabbli għat-tbatija kollha!

2. “*Alla qiegħed jikkastigak.*” Dan kien ir-rispons tat-tliet iħbieb ta’ Ġob. Elifaż, Bildad, u Sofar. Huma ma kinux nies ħżiena. Huma kellhom intenzjoni tajba imma kienu traġikament żbaljati. Huma argumentaw lit-tbatija kollha hija r-riżultat dirett u ċert tad-dnub. “*Min qatt kien rett u ntilef?*” huma staqsew (Ġob 4:7). Huma kellmu lil Ġob u qalulu biex jammetti li hu kien dineb u li kien jixraqlu dak li kien qiegħed jiġrilu! Issa, hemm xi kultant element ta’ verità f’din l-ispjega. **Xi kultant aħna nsofru minħabba d-dnub**. L-appost-lu Pawlu qal li l-Korintin ħafna minnhom kienu dgħaj-fin u morda, u jmutu minħabba l-abbuż midneb tagħh-om ta’ l-Ikla tal-Mulej (1 Korintin 11:30). David dineb u b’riżultat it-tarbija tiegħu mietet (2 Samwel 12:13-14). Xi kultant nies ibatu għal dnubiethom imma aħna nagħmlu żball kbir meta nassumu lit-tbatija kollha hija r-riżultat tad-dnub. Meta Ġesù miet fuq is-salib żewġt irġiel mietu Miegħu, ibatu għal dnubiethom. Imma Ġesù ma

għamel ebda dnub, lanqas ebda ħażen ma nstab f'fommu. Hu bata fl-innoċenza. Ħafna nies ibatu hekk illum. Ġesù darba fejjaq raġel li kien imwieled agħma u meta kien mistoqsi minħabba d-dnub ta' min ir-raġel kien twieled agħma, Hu wieġeb,

> "*La dar-raġel ma dineb, u lanqas il-ġenituri tiegħu: imma biex l-egħmejjel ta' Alla jidhru fih*" (Ġwanni 9:3).

Nies innoċenti jbatu mingħajr ma jkun tort tagħhom!

3. "*Alla qiegħed jipprova jgħidlek xi ħaġa.*" Din kienet l-ispjega mogħtija minn raġel żagħżugħ li kien jismu Eliħu għal l-inkwiet ta' Ġob. Hu tilef is-sabar ma' Ġob u t-tlitt iħbieb tiegħu għaliex huma ma kinux jistgħu jaraw dak li hu ħaseb li kien ovvju. "Alla qiegħed jipprova jgħallmek lezzjoni," hu qal. "*Il-bniedem hu wkoll imwiddeb b'uġigħ*" (Ġob 33:19). Dan huwa xi ħaġa tassew. Alla għallem lil l-appostlu Pawlu l-umiltà billi rrifjuta li jneħħilu "*x-xewka f'ġismu*" (2 Korintin 12:7-9). Imma din ma kinetx it-tweġiba koll-ha. Din ma applikatx għal każ ta' Ġob. Din mhux dej-jem tapplika llum!

## II. Għaliex Alla Jippermetti lil Uliedu Biex Isofru?

Il-Bibbja tagħti bosta ħsibijiet f'din il-mistoqsija.[2]

1. *Xi sofferenza hija mibnija fl-univers*. Alla għamel din id-dinja f'ċertu mod u f'xi sens it-tbatija hija minsuġa fl-insiġ tagħha nfisha. Alla għandu liġijiet naturali li jordnaw u jżommu d-dinja tagħna. Qawwiet

setgħana huma merħija permezz ta' l-għemil ta' dawn il-liġijiet. Aħna nistgħu niġu maqbuda fil-makkinarju li jmexxi lil univers. Jekk nidħlu fit-triq tal-liġijiet naturali ta' Alla aħna nistgħu nweġġgħu: għarar, irjieħ qawwija, uragani, eċċ. Ġesù qal,

> "*Ir-riħ jonfoħ u ebda bniedem ma jaf minn fejn hu ġej, u fejn hu sejjer*" (Ġw-anni 3:8).

Il-mod li l-univers hu mibni bih jippermetti għal xi tbatija li tiġri.

2. *Xi tbatija hija miġjuba fuqna nfusna minna stess.* Alla għandu liġijiet spiritwali kif ukoll naturali. Meta dawk il-liġijiet huma miksura, aħna nsofru l-konseg-wenzi. Alla għamel lill-bniedem kreatura b'għażla ħie-lsa. Aħna nistgħu nagħżlu l-ħażin jew nagħżlu t-tajjeb. Aħna nistgħu nagħmlu żbalji, nuqqasijiet, u għażliet ħżiena. U aħna nsofru għal dan. Aħna nitkellmu dwar li niksru l-liġijiet ta' Alla; imma attwalment aħna ma niksrux il-liġijiet ta' Alla; aħna ma nagħtux każ tal-liġijiet ta' Alla (naturali jew spiritwali) u huma jkiss-runa! Aħna ma "niksrux" il-liġi tal-gravità billi naqbżu minn fuq xi bejt għoli; aħna ma nagħtux każ tagħha u nbatu l-konsegwenzi!

3. *Xi tbatija hija mogħddija minn oħrajn.* Xi kultant it-tbatija tagħna hija r-riżultat ta' għażliet u azzjonijiet ta' nies oħra. Nies oħra jistgħu jużaw ħażin il-libertà tagħhom f'tali mod li din tagħmel ħsara lil oħrajn! "Aħna ltqajna ma' l-għadu qiegħed hu fina." Huma n-nies li jirribellaw u jirrejpjaw u joqtlu u jigdbu…li

jagħmlu l-armi u bombi u bajjunetti…Nies bħal Erodi, Hitler jistgħu jġibu nazzjon sħiħ jew dinja sħiħa fi tbatija. Billi Alla m'għamilniex robotti bla sens, imma rġiel u nisa kapaċi li ngħażlu t-tajjeb jew il-ħażin, aħna nkomplu nweġġgħu oħrajn u nkunu mwaġġa minnhom.

4. *Xi tbatija tirrappreżenta r-rabja ta' Satana.* Kien Satana li ħaqar lil Ġob! L-appostlu Pawlu jsejjaħ ix-xewka fil-ġisem "*messaġġier ta' Satana*" (2 Korintin 12:7). Il-Bibbja titkellem dwar Satana jikkawża l-mard (Luqa 13:16), u għandu l-ħakma tal-mewt (Lhud 2: 14). Kien Satana li ħażżen il-ħolqien ta' Alla billi ġab id-dnub, mard u mewt fid-dinja. Ħalli aħna qatt ma ninsewh dan. Satana jobgħod lil dawk li jfittxu biex ja-għmlu t-tajjeb u jagħmel minn kollox biex ifixkilhom u joppresahom. Tbatija u għawġ jistgħu jkunu ndik-azzjoni li int qiegħed fit-triq it-tajba u Satana qiegħed jipprova biex ifixklek!

5. *Xi tbatija hija edukattiva.* Ġakbu jgħid hekk,

> "*Ħuti, qisuh bħala ferħ mill-akbar meta taqgħu f'tiġrib ta' kull xorta; Billi tafu dan, li l-prova tal-fidi tagħkom iġġib is-sabar. Imma ħallu s-sabar ikollu l-egħ-mil perfett tiegħu, biex tkunu perfetti u mitmumin, ma jonqoskom xejn*" (Ġak-bu 1:2-4).

L-appostlu Pawlu jgħid ukoll,

> "*U mhux hekk biss, imma niftaħru wkoll bin-niket: billi nafu li n-niket*

> *inissel is-sabar; U s-sabar, il-prova; u l-prova, it-tama: u t-tama ma ġġegħilniex nistħu; għax l-imħabba ta' Alla hi msawba fi qlubna bl-Ispirtu s-Santu li hu mogħti lilna*" (Rumani 5:3-5).

It-tbatija tagħti ħsibijiet spiritwali; hija tista' tgħallimna s-sabar u tista' tibni karattru u saħħa. Hija tista' tippreprana għal servizz akbar. Din tista' tneħħi ħafna nuqqas ta' sens minna! Mard, per eżempju, jista' jwassalna biex naraw l-affarijiet f'mod aktar ċar milli qatt qabel konna narawhom meta aħna konna għaddejjin matul il-ħajja mingħajr każ ta' xejn! Xi kultant huwa l-inkwiet li jkollna jkun l-għodda li Alla jużaha biex jimmudellana għall-ħwejjeġ aħjar. Xi tbatija hija terapewtika. Din tista' tagħmilna nies aħjar; din tista' twassalna għall-indiema; din tista' tiddixxiplinana spiritwalment. Naqraw fis-Salmi:

> "*Swieli li jien kont imgħakkes biex nitgħallem l-istatuti tiegħek*" (Salm 119: 71).

Naqraw ukoll fl-Ittra lil-Lhud,

> "*Għax min il-Mulej iħobb, iwiddbu; u jsawwat lil kull iben li jilqa'. Jekk intom issofru t-twiddib, Alla jimxi mgħakom bħala wliedu; għax liema hu l-iben li missieru ma jwiddbux? Imma jekk tkunu bla twiddib, li kulħadd għandu minnu, intom mela bgħula, u mhux ulied. Barra minn dan aħna kellna mis-*

*sirijiet ta' ġisimna li widdbuna, u konna nweġġħuhom: Kemm aktar għandna nkunu suġġetti għal Missier l-ispirti, biex ikollna l-ħajja? Għax dawn tassew kienu jwiddbuna għal ftit jiem skond kif kien jogħġobhom; imma hu għall-ġid tagħna, biex nixxierku fil-qdusija tiegħu. Issa l-ebda twiddib ma jidher dak il-ħin ħaġa ta' ferħ, imma ta' niket: madankollu wara jrodd frott ta' sliem u ta' ħaqq lil dawk li jkunu tħarrġu bih*" (Lhud 12:6-11).

Alla jista' jippermetti t-tbatija għall-ġid u għas-saħħa spiritwali tagħna!

Tbatija tista' tiġi minn varjetà ta' kawżi differenti—forsi minn taħlita ta' kawżi jew minn kawżi li aħna ma nistgħux nifhmu. (Ġob qatt ma kien tabilħaqq mogħti spjega għat-tbatija tiegħu!) Aħna ma nistgħux faċilment inħarsu lejn xi esperjenza ta' tbatija u nippuntaw subajna fuq "l-għaliex" tagħha!!! Imma f'sens għaliex hija l-mistoqsija l-ħażina! Hemm wisq li aħna ma nafuħx. It-tbatija hija 'il hemm mill-komprensjoni tagħna. Aħna neħtieġu li nduru għall-mistoqsija oħra li hija bil-wisq aktar importanti!

## III. Kif Aħna Għandna Nirreaġixxu Għat-Tbatija Fil-Ħajja Tagħna?

1. *Aħna għandna niftakru li l-ħaġa importanti mhijiex "għaliex" tiġi t-tbatija, imma "kif" aħna nistgħu niltaqgħu magħha!*[3] Li nsofru jista' jagħmilna kollha

mrar jew aħjar. Din tagħmel waħda jew l-oħra. Jiddependi minna! Il-mistoqsija reali mhijiex "x'hemm wara t-tbatija tiegħi?" imma "x'hemm ġo fija?" Inti tista' tuża t-tbatija bħala għodda biex ittejjeb ħajtek jew bħala skuża biex tirrabja kontra Alla! Missjunarju u l-mara tiegħu fil-Pakistan kellhom tarbija ta' sitt xhur li mardet b'marda misterjuża u mietet f'jum wieħed. Raġel għaref qalihom: "Traġedja bħal din hija bħal li tkun mgħaddas fl-ilma jagħli. Jekk inti bajda, l-afflizzjoni tiegħek tagħmlek bajda iebsa mgħollija u bla reazzjoni; jekk inti patata, inti titla' artab u flessibbli u li tista' tintuża." Aħna neħtieġu li nitgħallmu biex nitolbu meta nkunu qegħdin inbatu, "O, Mulej, ħallini nkun patata."

2. *Aħna għandna niftakru lit-tbatija ma tirbaħx jew tgħawweġ l-iskopijiet ta' Alla.* Żomm ma' Rumani 8:28,

> "*U aħna nafu li l-ħwejjeġ kollha jaħdmu flimkien għall-ġid ta' dawk li jħobbu 'l Alla; għal dawk li huma msejħin skond l-iskop tiegħu.*"

Traġedja, diżastru, niket, u mard ma jisfruttawx l-iskopijiet ta' Alla. Il-problema tagħna hija li aħna nħarsu lejn l-affarijiet minn naħa l-ħażina. Jekk aħna nħarsu lejn biċċa rakkmu minn fuq wara tad-drapp din tkun tidher bħallikieku kienet xi ħaġa magħmula bl-addoċċ, imma jekk aħna nħarsu lejha min-naħa t-tajba din tkun tidher bħala biċċa xogħol ta' l-għaġeb. Alla ma bagħatx "ix-xewka fil-ġisem" ta' Pawlu—Satana għamel dan; imma Alla użaha għall-ġid ta' Pawlu!

Pawlu kien raġel aħjar minħabba fiha. Ma jimpurtax x'jiġri, Alla jista' jirranġa l-affariijiet b'mod li dawn ikunu jaqblu fil-mudell Tiegħu! Il-poeta kien qal:

*Ħajti mhix ħlief insiġ*
*Bejn il-Mulej tiegħi u jien,*
*Jien ma nistax nagħżel il-kuluri,*
*Hu jaħdem b'mod fis-sod.*

*Spiss l-insiġ jittnikket,*
*U jien fi kburija belha*
*Ninsa li hu jara ta' fuq*
*U jien, dak ta' taħt.*

*Mhux qabel ma' l-magna tieqaf*
*U l-mekkuk jieqaf milli jtir*
*Ma Alla l-luna jiftaħ*
*U jispjega r-raġuni għaliex.*

*Il-ħajt skur huwa meħtieġ ukoll*
*Fl-id ta' dak li jinseġ*
*Daqs il-ħjut tad-deheb u l-fidda*
*Fil-mudell li huwa ppjana*

3. *Aħna għandna niftakru biex nafdaw lil Alla u noqgħodu Fuqu jiġi x'jiġi!* Aħna ma nifhmux dak kollu li jiġri. Aħna m'għandiex il-fatti kollha. Il-viżjoni tagħna hija llimitata; aħna naraw minn punt di vista tad-dinja minflok ta' l-eternità. Aħna għandna, mela, nafdaw fil-għerf, qawwa, u mħabba ta' Alla! Dak huwa l-messaġġ tal-Ktieb ta' Ġob! Alla ma qalx lil Ġob "Għaliex"! Minflok, il-kliem Tiegħu lil Ġob kien, "Afdani!" Dan jispjega s-sinjifikat tas-sezzjoni kbira f'Ġob 38:1—41:34.

Bidwi qagħad iħares lejn għasfura tal-familja tal-merill li jimita n-noti ta' l-għasafar l-oħra kollha (moc-king bird) tibni l-bejta tagħha f'gozz frieghi ħerġin minn siġra tat-tuffieħ qrib id-dar tiegħu. L-għasfura ħadmet il-ġurnata kollha; filgħaxija l-bidwi mar u kisser il-bejta li l-għasfura kienet għamlet—xerred iz-zkuk u r-rix ma kullimkien u għaffiġhom taħt saqajh. Il-jum ta' wara l-għasfura bil-paċenzja kollha reġgħet bdiet tibni l-bejta mill-ġdid. Għal darb'oħra fil-ħin ta' filgħaxija ix-xogħol ta' l-għasfura kien meqrud. Iġġu-dikat bil-qisien ta' l-għasfura, ir-raġel kien kattiv. It-tielet jum l-għasfura reġgħet bdiet tibni l-bejta tagħha, imma did-darba f'siġra oħra qrib il-bieb tal-kċina. Fil-għaxija, il-bidwi tbissem fuq l-għasfura u x-xogħol ta-għha baqa' hemm. Jum wara jum l-għasfura kompliet tibni l-bejta tagħha; il-bejta kienet kompluta; il-bajd kienu hemm u msaħħna taħtha. Imma ħafna qabel iż-żmien tat-tfaqqis, il-gozz frieghi li minnhom l-għasfu-ra kienet imkeċċija kien imneħħi u maħruq. Li kieku l-bidwi li ra minn qabel x'kien se jiġri mill-frieghi ħalla lil l-għasfura tgħaddi tagħha, il-bejta kollha tagħha bil-friegħ tagħha, u t-tama tagħha għall-istaġun kienu jku-nu meqruda għalkollox. L-għasfura ma kinetx tara 'il hemm minn ġurnata waħda. Il-bidu ra t-tmiem mill-bidu.[4]

Billi Alla jaf it-tmiem mill-bidu (Isaija 46:10), aħna nistgħu nafdawh fil-ħwejjeġ kollha—ukoll f'dawk li aħna ma nistgħux nifhmuhom! Ġesù qal xi ħaġa f'kon-nessjoni differenti li tapplika wkoll tajjeb ħafna f'din il-konnessjoni:

> "*Dak li nagħmel jien int issa ma tafux; iżda tkun tafu wara*" (Ġwanni 13:7).

## KONKLUŻJONI

F'din il-ħajja aħna "*nitniehdu mgħobbijin kif aħna …*" (2 Korintin 5:4) imma aħna nemmnu li hemm art aħjar—art fejn it-tbatija u n-niket mhumiex magħrufa. Alla pprepara dar għalina hemm u għal dik id-dar Hu jridna li mmorru. Li kieku ma kienx għal uġigħ ta' qalb, diżappunti u tbatija ta' did-dinja, aħna forsi konna ninsew id-destin akbar li hemm quddiemna. Forsi t-tbatijiet ta' did-dinja kienu mfassla, f'parti, biex jikkawżawna ħalli ma nkunux issodisfatti hawn, imma biex nerfgħu għajnejna lejn dik id-dinja li ġejja fejn:

> "*Alla jimsaħ kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt, u la għali, u la biki, u lanqas uġigħ iżjed*" (Rivelazzjoni 21:4).

Dawk li għandhom din it-tama, jeħtieġu li qatt ma jibżgħu minn għada! Hija din it-tama tiegħek? Din tista' tkun jekk inti taċċetta lil Sidna Ġesù Kristu bħala l-Mulej tiegħek, tindem minn dnubietek, tistqarru bħa-la l-Messija, u titgħammed għall-maħfra ta' dnubietek. (Mark 16:16; Atti 2:38; 8:35-39).

Noti:

1. Thos. L. Constable, "W*hen God's Silence Is Deafening,*" Kindred Spirit, (Dallas Theological Seminary), Summer 1980, pp. 14-16
2. Bastell Barett Baxter, Great Preachers of Today, "*The Problem of Human suffering,*" pp. 206-216, and Jack Exum, "*Winning Over Suffering*," (tract).
3. Harold S. Kushner, "*Why Do Bad Things Happen To Good People?*", Reader's Digest, January 1985, pp. 143-146.
4. Julian Goodpaster, "*Trusting God,*" Family Matters, March 24, 1985, p. 2.

Għal aktar informazzjoni ikteb lil:

KNISJA TA' KRISTU
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta

Jew:
e-mail: info@churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Servizz ta' qima: Il-Ħadd: 10.30 a.m.

Studji mill-Bibbja: l-Erbgħa: 7.00 p.m.